

5. Il-Kummissjoni Ewropea għandha ibati terz mill-ispejjeż rispettivi tagħha u terz minn dawk ta' GALP Energía España SA, Petróleos de Portugal SA u GALP Energía SGPS SA marbuta mal-proċedura tal-appell kif ukoll l-ispejjeż relattivi tagħha relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 24, 25.01.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Jannar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracini teismas – Il-Litwanja) – “Eturas” UAB et vs Lietuvos Respublikos konkurencijos taryba**

(Kawża C-74/14) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kompetizzjoni — Akkordji — Praktika miftiehma — Aġenzi ji-tal-ivvjaġġar li jipparteċipaw fis-sistema komuni kompjuterizzata ta' offerti ta' vjaġġi — Limitazzjoni awtomatika tar-rati ta' roħs fuq il-bejgħ ta' vjaġġi online — Messaġġ tal-amministratur tas-sistema dwar l-imsemmija limitazzjoni — Ftehim taċitu li jista' jiġi kklassifikat bħala praktika miftiehma — Elementi li jikkostitwixxu ftehim u praktika miftiehma — Evalwazzjoni tal-provi u livell ta' prova meħtieġ — Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri — Prinċipju ta' effettività — Preżunzjoni ta' innoċenza)

(2016/C 098/03)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

### **Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracini teismas

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: “Eturas” UAB, “AAA Wrislit” UAB, “Baltic Clipper” UAB, “Baltic Tours Vilnius” UAB, “Daigera” UAB, “Ferona” UAB, “Freshtravel” UAB, “Guliverio kelionēs” UAB, “Kelionių akademija” UAB, “Kelionių gurmanai” UAB, “Kelionių laikas” UAB, “Litamicus” UAB, “Megaturas” UAB, “Neoturas” UAB, “TopTravel” UAB, “Travelonline Baltics” UAB, “Vestekspress” UAB, “Visveta” UAB, “Zigzag Travel” UAB, “ZIP Travel” UAB

Konvenuta: Lietuvos Respublikos konkurencijos taryba

fil-preżenza ta': “Aviaeuropa” UAB, “Grand Voyage” UAB, “Kalnų upė” UAB, “Keliautojų klubas” UAB, “Smaragdas travel” UAB, “700LT” UAB, “Aljus ir Ko” UAB, “Gustus vitae” UAB, “Tropikai” UAB, “Vipauta” UAB, “Vistus” UAB

### **Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li meta l-amministratur ta' sistema kompjuterizzata, intiża sabiex tippermetti lil xi aġenzi ji-tal-ivvjaġġar ibigħu vjaġġi fis-sit tal-internet tagħhom skont metodu ta' riżervazzjoni uniformi, jibgħat lil dawn l-operaturi ekonomiċi, permezz ta' sistema ta' messaġġi elettronika personali, messaġġ li javżahom li l-iskontijiet relatati mal-prodotti mibjugħha permezz ta' din is-sistema issa ser ikunu limitati u li, b'rīzultat tat-trażmissjoni ta' dan il-messaġġ, is-sistema inkwistjoni sarilha l-modifikati tekniċi neċċessarji sabiex din il-miżura tiġi implementata, l-imsemmija operaturi ekonomiċi jistgħu, sa mill-mument minn meta saru jaſu bil-messaġġ milbghut mill-amministratur tas-sistema, jiġu preżunti li pparteċipaw fi praktika miftiehma fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, jekk huma astjenew milli jbiegħdu ruħhom b'mod pubbliku minn din il-praktika, ma rrapporṭawhiex lill-entitajiet amministrattivi jew ma ġabux provi oħra sabiex jikkonfutaw din il-preżunzjoni, bħall-prova ta' applikazzjoni sistematika ta' skont li jeċċedi l-limitu inkwistjoni.

- 2) Hija l-qorti tar-rinviju li, fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali li jirregolaw l-evalwazzjoni tal-provi u l-livell ta' prova meħtieġ, għandha teżamina jekk, fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha ppreżentati quddiemha, it-trażmissjoni ta' messaġġ, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax tikkostitwixxi prova suffiċċenti sabiex jiġi stabilit li d-destinatarji tiegħu kienu jafu l-kontenut tiegħu. Il-preżunzjoni ta' innoċenza tipprekludi li l-qorti tar-rinviju tqis li s-sempliċi trażmissjoni ta' dan il-messaġġ tista' tikkostitwixxi prova suffiċċenti sabiex jiġi stabilit li d-destinatarji tiegħu kellhom neċċessarjament ikunu jafu l-kontenut tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 142, 12.5.2014.

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Jannar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarja**

**(Kawża C-141/14) <sup>(1)</sup>**

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2009/147/KE — Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi — Żoni ta' protezzjoni speċjali Kaliakra u Belite skali — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa — Sit ta' importanza Komunitarja Kompleks Kaliakra — Direttiva 2011/92/UE — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent — Applikabbiltà ratione temporis tal-iskema ta' protezzjoni — Degradazzjoni tal-habitat tal-flora u tal-fawna u perturbazzjoni tal-flora u tal-fawna — Enerġija eolika — Turiżmu)*

**(2016/C 098/04)**

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White, C. Hermes u P. Mihaylova, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Bulgarja (rappreżentanti: E. Petranova u D. Drambozova, aġenti)

#### **Dispożittiv**

1) Billi:

- naqset milli tinkludi l-integralità tat-territorji taż-żoni importanti għall-konservazzjoni tal-għasafar fīż-żona ta' Protezzjoni Speċjali li tkopri r-reġjun ta' Kaliakra, ir-Repubblika tal-Bulgarja ma kklassifikatx bħala żona ta' protezzjoni speċjali t-territorji l-iktar xierqa fstermini ta' numru u ta' daqs għall-konservazzjoni, minn naħa, ta' speċi bijoloġiċi msemija fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u, min-naħa l-oħra, ta' speċi migratorji mhux inklużi f'dan l-anness, iżda li jaslu regolarmen fīż-żona ġeografika marittima u terrestri ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u b'hekk naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(1) u (2) tal-imsemmija direttiva;
- approuvat it-twettiq tal-proġetti “AES Geo Energy”, “Disib” u “Longman Investment” fuq it-territorju taż-żona importanti għall-konservazzjoni tal-għasafar li tkopri r-reġjun ta' Kaliakra li ma għietx ikklassefha bħala żona ta' protezzjoni speċjali meta fil-fatt kellha tkun hekk ikklassefha, ir-Repubblika tal-Bulgarja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2009/147;
- approuvat it-twettiq tal-proġetti Kaliakra Wind Power”, “EVN Enertrag Kavarna” u “Vertikal – Petkov & Cie” kif ukoll “Thracian Cliffs Golf & Spa Resort” fuq it-territorji rispettivament, taż-żoni ta' protezzjoni speċjali tar-reġjun ta' Kaliakra u ta' Belite skali, ir-Repubblika tal-Bulgarja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa;